MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 1205/2009

**Leo Camilleri (ID 821156M), Joseph Camilleri (ID 289355M), Rita Mifsud (ID 106662M) u Carmen Spiteri (ID 287654M), lkoll ahwa ulied ta' Paul Camilleri u Doris nee' Dalmas; St Peter Developments Limited (C 4705) u Joseph Zahra (ID 786358M)**

**vs**

**l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

Il-Qorti

Rat ir-rikors fejn l-atturi ppremettew:-

1. Illi l-atturi ahwa Camilleri u s-socjeta St Peter Developments Limited huma lkoll sidien ta' art u strutturi li

jinsabu fi Triq ir-Raddiena, Birzebbugia, filwaqt li l-attur Joseph Zahra huwa detentur ta' parti mill-istess art.

2. Illi, fis-6 ta' Ottubru 2009 l-atturi gew a konjizzjoni ta' Ordni ta' Infurzar mahruga mill-awtorita intimata oltre tnax-il sena ilu, referenza EC 00518/97, (hawn annessa u immarkata bhala Dokument 'A') u dan meta ufficjali tal-awtorita intimata, akkumpnjati minn ufficjali tal-Korp tal-Pulizija, accedew fuq is-sit proprjeta tal-atturi b'ingenji goffi, sabiex jiddemolixxu strutturi li kienu jinsabu fuq is-sit in kwisjtoni.

3. Illi l-esponenti gew a konjizzjoi ta' din l-Ordni ta' Infurzar dakinhar tas-6 ta' Ottubru 2009, propju meta ufficjali ta' l-awtorita intimata, akkumpanjati minn ufficcjali tal-Korp tal-Pulizija, accedew fuq is-sit propjeta ta' l-atturi b'ingenji goffi, u infurmawhom bl-istess Ordni, u ma tezisti l-ebda prova ta' notifika ta' korrispondenza mibghuta mill-awtorita intimata lill-esponenti, rigwardanti din l-Ordni ta' Infurzar.

4. Illi fis-7 ta' Ottubru 2009 l-esponenti intavolaw mandat ta' inibizzjoni (referenza 1668/2009) quddiem din il-Qorti, sabiex jinibixxu lil awtorita intimata milli tkompli tezegwixxi xoghlijiet ta' tnehhija ta' strutturi u materjal, u ta' demolizzjoni fis-sit fi Triq ir-Raddiena, Birzebbugia, u dan in vista li l-esponenti kienu disposti li jaghmlu dan a spejjez taghhom, liema xoghol huma ma ghamlux precedentement, stante li ma kienux a konjizzjoni ta' l-Ordni ta' Infurzar hawn riferita, li nharget tnax-il sena ilu.

5. Illi di piu, jirrizulta li s-socjeta esponenti St Peter Developments Limited li hija propjetarja tas-sit in kwistjoni, hija ghal kollox estranea ghal Ordni ta' Infurzar numru EC 00518/97, u dan minhabba li l-istess Ordni ta' Infurzar tghajjat biss lill-esponenti Leo Camilleri.

6. Illi di piu, l-Ordni ta' Infurzar numru EC 00518/97, mahruga tnax-il sena ilu, kienet tirrigwarda biss bdil ta' uzu ta' sit minhabba pparkjar ta' vetturi kummercjali, u ma kienetx tirrigwarda t-twaqqiegh ta' strutturi mibnijin illegalment, kif konfermat mid-dicitura ta' l-istess Ordni ta'

Infurzar, li tistipula "Breach-change of use to parking commercial vehicles without permit."

7. Illi waqt li ufficcjali ta' l-awtorita intimata kienu qedghin jiddemolixxu strutturi fuq is-sit fi Triq ir-Raddiena Birzebbuga, huma marru sahansitra oltre d-delineazzjoni tas-sit kolpit bl-Ordni ta' Infurzar hawn riferita, b'dan illi gew ikkawzati danni lill esponenti li huma sidien ta' dan is-sit, kif ukoll danni kkawzati fil-propjeta ta' l-esponenti Joseph Zahra li kienet tinsab fuq l-istess sit.

8. Illi l-esponenti jafu personalment bil-fatti hawn dikjarati u debitament enumerati.

Ghal dawn il-motivi kollha l-atturi qed jitolbu li, prevja kull dikjarazzjoni talvolta mehtiega u necessarja, jigi dikjarat li l-awtorita intimata mxiet b'mod irregolari fl-ezekuzzjoni ta' l-Ordni ta' Infurzar numru EC 00518/97 mahruga tnax-il sena ilu. Li jigi dikjarat li l-esponenti sofrew danni waqt l-ezekuzzjoni tal-istess Ordni ta' Infurzar; u li jigu likwidati d-danni sofferti mil-atturi bl-ezekuzzjoni ta' l-Ordni ta' Infurzar numru EC 00518/97. Li l-Awtorita' intimata tigi kundannata thallas id-danni hekk likwidati lil atturi.

Bl-ispejjez kontra l-awtorita intimata li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn gie eccepit:-

1. preliminarjament in-nullita' ta' din l-azzjoni stante li ma taqax taht l-ebda wiehed mill-aggravji tal-artikolu 469A tal-Kap 12, u l-Awtorita ecipjenti qatt ma giet interpellata a tenur ta' l-artikolu 460(1) tal-Kap. 12.

2. Illi ulterjorment, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni atrici hija daqstant iehor nulla stante illi

s-socjeta attrici kellha rimedji ordinarji a disposizzjoni taghha sabiex tinforza l-allegati drittijiet taghha, liema rimedji qatt ma gew utilizzati mis-socjeta attrici, u dan kontra dak provdut fl-artikolu 469A(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fil-mertu, jigi eccepiet illi l-avviz EC 518/97 gie debitament notifikat skond it-termini tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta u kienu l-atturi stess illi minkejja il-hrug ta' tali avviz komplew bi zvilupp illegali bi ksur ta' l-istess avviz, u l-azzjoni mill-awtorita ittiehdet biss u limitatament fuq l-illegalitajiet li kien hemm fuq is-sit de quo.

4. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra taghhom.

Semghat lix-xhud prodott mill-Awtorita' konvenuta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita' konvenuta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-atturi ghan-nota tal-Awtorita' konvenuta dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-istess Awtorita' konvenuta.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti.

Ikkonsidrat:-

L-atturi ahwa Camilleri Leo, Joseph, Rita Mifsud u Carmen Spiteri flimkien mas-socjeta St Peter Developments Limited huma s-sidien ta' bicca art li tinsab fi Triq ir-Raddiena, Birzebbugia. L-attur Joseph Zahra hu detentur ta' parti mill-istess art. L-atturi jirretjenu li fis-sena 2009 saru jafu b'Ordni ta' Infurzar mahruga mill-Awtorita' konvenuta ghar-rigward tal-imsemmija bicca art. Din l-Ordni, li nharget mill-Awtorita' konvenuta snin qabel l-imsemmija sena tal-2009 u cioe' tnax (12) il-sena qabel iggib ir-referenza numru EC00518/97. Permezz tal-

presenti proceduri l-atturi qed jitolbu, b'referenza ghall-imsemmi fatt minnhom allegat, li jigi dikjarat li l-Awtorita' konvenuta mxiet b'mod irregolari fl-ezekuzzjoni tal-imsemmija Ordni ta' Infurzar u li jigi dikjarat li l-atturi sofrew danni waqt l-ezekuzzjoni tal-istess Ordni. Qed jitolbu ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u li konsegwentement l-Awtorita' konvenuta tigi kkundannata thallas id-danni kif likwidati.

Il-konvenuti l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar eccipew preliminarjament in-nullita' ta' din l-azzjoni stante li l-istess azjoni ma taqax fl-ambitu ta xi wiehed mill-aggravji indikati fl-artikolu 469A tal-Kap 12 u inoltre l-Awtorita' konvenuta qatt ma giet interpellata ai termini tal-artikolu 460(1) tal-Kap.12. Preliminarjament ukoll qed jigi ukoll eccepit li l-azzjoni hi ukoll nulla stante illi l-atturi kellhom rimedji ordinarji ohra a disposizzjoni taghhom biex jenforzaw l-allegati drittijiet taghhom u dan kif provdut fl-artikolu 469A(4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Permezz tal-presenti sentenza qed jigu decizi l-imsemmija eccezzjonijiet preliminari. L-artikolu citat mill-Awtorita' konvenuta cioe' l-artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jelenka l-kazijiet fejn il-Qrati ordinarji jistghu jezaminaw il-validita' ta' atti amministrattivi u jidikjaraw tali atti nulli, invalidi jew minnghajr effett. Dawn il-kazijiet jinkludu meta l-att amministrattiv jivvjola l-Kostituzzjoni, meta l-istess att ghandu jigi ritenut "ultra vires" u meta l-istess att ikun irregolari u kontra l-ligi.

L-atturi fil-presenti kaz qed jilmentaw dwar il-fatt li huma ma gewx debitment notifikati bl-Ordni tal-Infurzar in kwestjoni tant li huma saru jafu bl-istess Ordni hafna snin wara li nharget. L-istess atturi jsostnu li saru jafu bl-Ordni in kwesjoni meta ufficjali tal-Awtorita' intimata, akkumpnjati minn ufficjali tal-Korp tal-Pulizija, accedew fuq il-bicca art in kwestjoni appuntu biex jesegwixxi l-Ordni u dan permezz ta' ingenji kbar u goffi biex jiddemolixxu strutturi li kienu jinsabu fuq l-istes art. F'dan ir-rigward l-atturi jsostnu li ma hemm ebda prova dwar in-notifika tal-Ordni jew dwar xi korrispondenza mibghuta mill-Awtorita'

konvenuta dwar l-istess Ordni. Di piu' l-atturi jilmentaw mill-fatt li s-socjeta' attrici St Peter Developments Limited, li bhala propjetarja tas-sit kellha ukoll tigi notifikata bil-hrug tal-Ordni u fil-fatt l-istess socjeta' attrici thalliet ghal kollox barra mill-istess Ordni ta' Infurzar. Dejjem skond l-atturi l-Ordni tirrigwarda "bdil fl-uzu" minhabba pparkjar ta' vetturi kummercjali, u ma tirrigwardax it-twaqqiegh ta' strutturi mibnijin illegalment. Dan hu konfermat mid-dicitura uzata fl-istess Ordni.

L-atturi inoltre jilmentaw mill-fatt li fil-kors tad-demolizzjoni ta' xi strutturi esistenti fuq l-art in kwestjoni da parti tal-Awtorita' konvenuta min kien qed jaghmel ix-xogholijiet relattivi u kien gie hekk inkarigat mill-istess Awtorita' konvenuta mar oltre d-delineazzjoni tas-sit kolpit bl-Ordni, b'dan billi gew ikkawzati danni lill-atturi bhala s-sidien tal-istess art, kif ukoll gew ikkawzati danni fil-propjeta tal-attur Joseph Zahra, liema prprjeta' kienet tinsab fuq l-istess sit.

Minn dan kollu jidher bic-car li l-atturi mhux qed jikkontestaw il-hrug per se tal-Ordni tal-Infurzar da parti tal-Awtorita' konvenuta izda qed jikkontestaw il-mod kif giet esegwita l-istess Ordni. L-atturi qed jilmentaw mill-fatt li l-Ordni bdiet tigi esegwita snin wara l-hrug tal-istess u li fl-esekuzzjoni tal-Ordni gew ikkawzati lilhom danni da parti mill-konvenuti. Ghalhekk principalment l-ilmenti tal-atturi jirrigwardaw l-allegat nuqqas ta' notifika tal-Ordni u li mill-istess dicitura tal-Ordni jirrizulta li din kienet tirrigwarda l-bdil fl-uzu tal-art in kwestjoni u ma kienitx tirrigwarda t-twaqqiegh ta' strutturi mibnijin irregolarment fuq l-istess sit.

Kwindi kif sewwa ssostni l-Awtorita' konvenuta din l-azzjoni ma tinkwadrax ruhha fil-provedimenti tal-artikolu 469A billi hawnhekk non si tratta ta' ezami tal-validita' ta' atti amministrattivi. In effett ma hemm ebda talba biex xi att amministrattiv jigi dikjarat null, invalidu jew minnghajr effett. Il-kawza presenti tirrigwarda l-esekuzzjoni tal-Ordni in kwestjoni u tirrigwarda danni allegatament sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-istess esekuzzjoni.

L-awtorita' konvenuta taghmel ukoll referenza ghall-artikolu 460(1) tal-istess Kapitolu 12 u f'dan ir-rigward tissottometti li hi qatt ma giet interpellata ai termini tal-istess artikolu. L-imsemmi artikolu jipprovdi li m'ghandhomx jigu inizjati proceduri kontra l-Gvern jew xi Awtorita' stabbilita bil-Kostituzzjoni jew kontra xi ufficjal pubbliku fil-kapacita' ufficjali tieghu jekk mhux wara li jghaddu ghaxart (10) ijiem minn-notifika ta' xi att giudizzjarju fejn it-talba in kwestjoni kontra l-Gvern, l-awtorita' jew l-ufficjal pubbliku tigi kjarament imfissra. Il-Qorti tiddubita kemm l-Awtorita' konvenuta taqa fl-ambitu ta' dawn il-provedimenti. Fi kwalunkwe kaz pero' jidher li l-atturi qabel ma intavolaw dawn il-proceduri talbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. In partikolari jidher li din it-talba saret fis-7 ta' Ottubru 2009 u kwindi gew sodisfatti limsemmija provedimenti tal-Ligi. In vista ta' dan kollu l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' konvenuta timmerita li tigi rigettata.

Fit-tieni lok l-istess Awtorita' konvenuta teccepixxi ukoll preliminarjament li din l-azzjoni hi nulla stante illi l-atturi pprocedew bil-presenti proceduri u naqsu li jirrikorru ghal rimedji ohra ordinarji ohra li kienu a disposizzjoni taghhom sabiex jenforzaw l-allegati drittijiet taghhom. F'dan ir-rigward il-konvenuti jaghmlu referenza ghal dak provdut fl-artikolu 469A(4) tal-istess Kap.12. Dan l-artikolu ovvjament jirreferi ghall-kontestazzjoi ta' atti amministrattivi u peress li, kif gia ntqal hawn non si tratta ta tali kontetazzjoni, t-tieni eccezzjoni preliminari ukoll timmerita li tigi rigettata.

Fid-dawl ta dak kollu li gie premess iz-zewg eccezzjonijiet preliminari tal-Awtorita' konvenuta jisthoqqilhom li jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad iz-zewg eccezzjonijiet preliminari tal-Awtorita' konvenuta.

Spejjez kontra l-Awtorita’ konvenuta. Il-kawza hi differita ghall-kontinwazzjoni ghas-seduta tal-11 ta’ Dicembru, 2012 fid-9.00 ta’ filghodu.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------